MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 119/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Emman Attard**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas ta' tlett t'elef, mitejn u disa liri Maltin u hdax il-centezmu (Lm3209.11), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minn Attard Emman lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn Mejju 2006 u Novembru 2006 u dana in-segwitu ta', u skond Client Contract No 1004954, liema kuntratti huma iffirmati minn Attard Emman stess.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-27 ta' Frar 2007, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment ma dana l-atti, u bl-imghaxijeit kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-intimat naqas u ma deherx fis-7 ta' Mejju 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' Lm3209.11 ossija €7475.22 bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Frar 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar 2007 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tat-30 ta' April 2007.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------